Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13815/23

LIMITE

POLCOM 218
WTO 153
AGRI 587
UD 208
UK 197

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2023/0342(NLE)**
**2023/0341(NLE)**

PUBLIC

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13813/23 + ADD 1 and 13814/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<br>- Adozzjoni<br>u<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<br>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fl-4 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:

a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (id-dokument 13813/23 + ADD 1); u

b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (id-dokument 13814/23 + ADD 1).

2. Fil-25 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) eżamina u approva ż-żewġ proposti, inkluż xi modifiki neċessarji.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

– jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 13816/23 u 13818/23;

– jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew; u

– jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokumenti 13817/23 u 13818/23, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

PUBLIC